# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)

## Seduta mizmuma llum, 21 ta' Gunju 2017

## Rikors Numru: 118/17 CSH

## Bank of Valletta p.l.c. (C2833)

## vs

## Paul Cocks

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-Bank of Valletta p.l.c. fit-28 ta' April 2017 fejn ippremetta li permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Paul Cocks" ( Avviz Numru 133/01JAB) (Dok "A"), is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimat fis-somma ta' elf, mija u tletin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€1,130.61) [ekwivalenti ghal LM485.37] flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2000 sal-jum tal pagament effettiv.

Illi ghaddew aktar minn hmistax-il sena minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi esegwita u d-debitu tal-intimat ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Illi d debitu tal-intimat illum jammonta ghal elfejn, erba' mija u sitt Ewro u tliet centezmi (€2406.03) flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mit-13 ta' Jannar 2017 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. B1 sa B2).

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha tesegwixxi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-4 ta Gunju 2001 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Paul Cocks" (Avviz Numru 133/01JAB) (Dok A), bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimat.

Semghet lil Paul Cocks jixhed fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2017 u jikkonferma li d-debitu dovut lill-Bank of Vallettta p.l.c. ghadu dovut u li ma ghamel l-ebda pagament ghaliex jinsab f'diffikulta' finanzjarja.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba tal-bank attur sabiex dan ikun jista' jesegwixxi is-sentenza tieghu moghtija fl-ismijiet premessi nhar l-4 ta' Gunju 2001, kif mitlub fir-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez a karigu tal-intimat. L-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru skond is-sentenza moghtija nhar l-4 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet premessi .**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**